# IL-PROCESS TA' KRISTU

F'dawn il-ġranet aktar minn kull żmien ieħor il-ħsieb tagħna jiġri fuq dawk il-ġrajja ta' ferħ u ta' niket li ġiebu l-ħajja lid-dinja bil-mewt tal-Iben t'Alla u b'qalbna mnikkta aktar milli ferħana nixtiequ naraw u nagħrfu aħjar dawk il-ġrajja mbiegħda li fdewna mill-jasar tax-xitan u tawna l-ħelsien u l-ħajja ta' dejjem. U aktar ma naħsbu aktar nitnikktu, għax naraw kemm kienet kbira l-kefrija tal-Lhud li mhux biss għalqu 'l qalbhom ġol-azzar biex ma tħoss l-ebda ħniena imma saħansitra fit-telfa tagħhom insew u xejn ma qiesu dak li tgħid il-liġi biex għall-inqas juru li kull ma kienu jagħmlu kien kollu skond il-liġi. U għalhekk irrid inkellimkom (*) il-lum fuq il-proċess ta' Kristu biex nurikom kemm naqsu l-Lhud meta taw is-sentenza tal-mewt lil Kristu u kemm kienet kontra l-liġi tagħhom stess dik is-sentenza.

Il-proċess ta' Kristu naqsmuh f'żewġ taqsimiet: l-ewwel, l-arrest u l-kompilazjoni; it-tieni, il-kawża u s-sentenza.

Naqraw fl-Evanġelju li Kristu wara l-aħħar ikla mal-appostli mar fil-ġnien taż-żebbuġ biex igħaddi l-lejl jitlob. Hemm ġew is-suldati Lhud, qabduh, rabtuh u ħaduh arrestat għand Kajfa, il-qassis il-kbir.

Kellhom il-Lhud id-dritt li jarrestaw 'il Ġesù? Skond il-liġijiet tal-pajjiżi kollha wieħed jista' jkun arrestat jew meta jinqabad f'xi delitt jew meta jkun hemm fuqu suspett qawwi ta' xi delitt. Kristu qatt ma nqabad fl-ebda delitt, imma l-kbarat tal-poplu, l-kapijiet waħħlu fih delitt li hu qatt ma għamel jew li ma kienx delitt. Kristu qal bosta drabi li hu kien Bin Alla, mibgħut minn Alla Missieru, u wettaq il-verità ta' kliemu b'ħafna mirakli. Imma l-Lhud ma emmnuhx. Għalihom ma kienx hemm ħlief Alla wieħed, u l-ebda bniedem ma seta jgħid li hu kien Alla, Bin Alla u ħaġa waħda miegħu. Kliem bħal dan f'widnejn il-Lhud kien dagħa li ħaqqu l-mewt. Il-mirakli li għamel Ġesù u li kienu juru fih setgħa aqwa minn kull setgħa tal-bniedem, għal-Lhud ma kienu xejn, kienu sħarijiet jew għamil tax-xitan. Għalhekk għal-Lhud Kristu kien bniedem ħażin li għamel lilu nnifsu daqs Alla u li għalhekk kien ħaqqu l-mewt skond il-liġi tagħhom. U aktar minn darba l-kbarat u l-kapijiet tal-Lhud ftiehmu biex jaqbduh u joqtluh. Din kienet il-ħtija ta' Ġesù, dan kien id-delitt tiegħu u din kienet il-kawża tal-arrest tiegħu. Le, Kristu ma kellu l-ebda ħtija; il-ħtija kienet tagħhom li ma riedux jemmnu, u għalhekk ma kellhom l-ebda dritt li jarrestawh. Imma mqar jekk naħfrulhom l-injoranza tagħhom, bħalma ħafrilhom Kristu minn fuq is-salib, il-ħsieb tal-Lhud, meta arrestaw lil Kristu kien ħażin, huma riedu jarrestawh biex joqtluh, bis-sewwa jew biddnewwa u mhux biex jistħarrġuh u jaraw hux tassew ħati jew le.

Wara li qabdu 'l Kristu fil-ġnien taż-Żebbuġ, ħaduh, kif igħidilna S. Ġwann (18, 13), għand Anna, li kien ħaten Kajfa, l-qassis il-kbir. Hemm saret l-ewwel stħarriġa, imbagħad Kristu kien meħud għand Kajfa fejn kienu miġburin il-membri kollha tas-sinedriju jew il-Qorti tal-Lhud. Saret

stħarriġa oħra,u l-membri kollha taw is-sentenza tal-mewt. Dan kollu sar bil-lejl, u għalkemm kienet kawża vera, nistgħu nxebbħuha mal-kompilazzjoni tal-kawżi kriminali tagħna. L-għada fil-għodu reġgħu ltaqgħu l-imħallfin kollha u reġgħu taw l-istess sentenza tal-mewt. Kristu kien minnufih meħud għand il-gvernatur Pilatu biex iwettaq is-sentenza tagħhom u jagħtu l-mewt lil Kristu.

Din hi l-istorja kif naqrawha filqosor fl-Evanġelju. Fiha tidher biss il-mibegħda tal-Lhud għal Kristu, imma jekk inħarsu lejha aktar millqrib u nqabbluha mal-liġijiet tal-Lhud malajr nintebħu li kull ma għamlu l-Lhud kien kollu kontra l-liġi u li l-proċess kollu u s-sentenza wkoll kienu illegali, kontra il-liġi u ma jiswew xejn. Naraw ħaġa, ħaġa.

L-ewwelnett il-kawżi kollha kriminali u s-sentenzi tal-mewt kellhom isiru u jingħataw f'sala għal t'apposta fil-bini tat-tempju. Sentenza tal-mewt mogħtija f'post ieħor barra minn dik is-sala ma kenitx tgħodd. U Kristu kien ikkundannat fid-dar ta' Kajfa, barra mit-tempju. Għalkemm San Luqa jgħid li fil-għodu l-imħallfin ħadu 'l Ġesù quddiem il-ġemgħa, dan għandna nifhmuh li ġebuh quddiemhom fid-dar ta' Kajfa, mhux fissala tal-Qorti. San Ġwann igħid ċar li wara li tawh is-sentenza tal-mewt ħaduh minn għand Kajfa għand Pilatu. Mela s-sentenza tal-mewt kienet mogħtija għand Kajfa u għalhekk ħażina.

Iżjed: il-kawżi tal-mewt ma setgħux isiru u la fil-festi u lanqas lejliet il-festi. Il-ħin tal-kawżi kien bi nhar, mill-ħin tas-sagrifiċċju ta' fil-għodu sal-ħin tas-sagrifiċċju ta' fil-għaxija. Bil-lejl ma kienux jistgħu jsiru kawżi. Mela l-ewwel laqgħa tas-sinedriju, li saret bil-lejl malli ġiebu 'l Kristu arrestat, kienet ħażina għax kontra l-liġi. U Kristu kien ikkundannat l-għada li kien lejliet il-Għid, il-festa l-kbira tal-Lhud. Mela s-sentenza kienet ħażina, għax mogħtija fi żmien projbit mil-liġi. Il-liġi kienet titlob ukoll li bejn il-kawża u s-sentenza tal-mewt għandu jgħaddi lejl; is-sentenza ma kenitx tista' tingħata fl-istess ġurnata tal-kawża. Issa, fil-każ ta' Kristu, jekk is-seduta ta' bil-lejl kienet kawża, ma kenitx tgħodd għax kontra l-liġi; jekk ma kenitx kawża imma stħarriġ fuq fuq, u l-kawża kienet dik li saret l-għada fil-għodu, is-sentenza kienet ħażina, għax mogħtija fl-istess ġurnata tal-kawża.

Iżjed: l-ebda sentenza tal-mewt ma kienet tista' tingħata mingħajr żewġ xhieda. Ix-xhieda kellhom ikunu mistoqsijin wieħed, wieħed, mifrudin minn xulxin. L-imħallef il-kbir, jiġifieri l-qassis il-kbir, qabel ma jixhdu, kien iwissihom li għandhom igħidu s-sewwa u jagħtihom il-ġurament biex igħidu s-sewwa. Jekk xi ħadd jinqabad jixhed bil-gideb, kien jeħel il-piena li jkun ħaqqu l-ħati. U jekk ix-xhud ma jkunux jaqblu bejniethom, imqar f'ħaġa żgħira x-xhieda tagħhom ma tgħoddx u l-ħati jkun meħlus. Minn dan kollu ma sar xejn fil-kawża ta' Kristu. Xhud kien hemm ħafna, imma kienu kollha xhieda giddieba. Ma naħsebx li kienu kkastigati kif kienet titlob il-liġi. Fl-aħħar ġew żewġ xhieda oħra. Ma naqrawx li Kajfa wissiehom u tahom il-ġurament qabel ma xehdu. Aktarx li minn dan kollu ma sar xejn. Flok ma xehdu wieħed, wieħed, mifrudin minn xulxin, xehdu flimkien. Ix-xhieda tagħhom ma kenitx taqbel; dan igħiduh l-evanġelisti (Mk. 14, 56). Skond S. Mattew

wieħed xehed li Kristu qal: "Nista nħott it-tempju ta' Alla u fi tliet ijiem nerġa nibnih". Imma skond S. Mark il-kliem tax-xhieda kien dan: "Jien inħott dan ti-tempju mibni bl-idejn, u fi tliet ijiem nibni ieħor mhux maħdum bl-idejn" (14, 58). Hu x'inhu jidher li l-Qorti ma kienx kuntent bix-xhieda ta' dawn iż-żewġ irġiel, għax il-president tal-Qorti, li kien Kajfa l-qassis kbir, niżel minn postu, mar ħdejn il-ħati u staqsieh hu stess: "Irrid naf jekk int intix il-Messija, Bin Alla." Kajfa ried ix-xhieda ta' Kristu stess biex ikollu aktar fuqiex ikun jista jikkundannah. Imma skond il-liġi u la l-ħati u lanqas il-qraba tiegħu ma kienu jistgħu jkunu xhieda. U fuq kollox il-ħati qatt ma seta jkun ikkundannat fuq ix-xhieda tiegħu biss. Issa Kristu mhux biss kien mistoqsi u mitlub biex jixhed b'ġurament (Matt. 26. 63), imma kien ikkundannat bix-xhieda tiegħu stess, għax malli qal: "Iva, jien", l-imħallfin kollha qalu: "Ħaqqu l-mewt". U hawn għandna ksur ieħor tal-liġi. L-imħallfin kellhom jagħtu s-sentenza tagħhom, mewt jew ħajja, wieħed, wieħed, imma hawn taw is-sentenza tagħhom kollha f'daqqa (Matt. 26, 66).

Imma l-ikbar ksur tal-liġi kienet is-sentenza nnifsha. Setgħu l-Lhud jagħtu s-sentenza tal-mewt? Jagħtu l-piena tal-mewt żgur li ma setgħux. Mindu art il-Lhudija waqgħet taħt il-ħakma ta' Ruma fis-sena 6 wara Kristu, ir-Rumani żammew għalihom id-dritt li jagħtu l-piena tal-mewt u lil-Lhud ħallewlhom id-dritt ta' pieni żgħar, bħalma huma ħabs u swat. X'uħud jaħsbu li l-Qorti tal-Lhud kellha s-setgħa tagħti s-sentenza tal-mewt, imma dis-sentenza kellha tkun imwettqa mill-gvernatur Ruman. Għalhekk il-Lhud ma għamlu xejn ħażin meta taw is-sentenza tal-mewt lil Kristu u mbagħad marru għand Pilatu biex iwettaqha bis-setgħa tiegħu. Imma oħrajn igħidu li l-Qorti tal-Lhud anqas ma kellu setgħa jagħti sentenza tal-mewt, u jidher li kien hekk tassew. Għax meta l-Lhud ħadu 'l Kristu quddiem Pilatu ma qalulux: Hawn dal-bniedem li l-Qorti tagħna tikkundannah għall-mewt, issa wettaq inti s-sentenza tagħna biex nistgħu nagħtuh il-piena li ħaqqu. Ma qalulux hekk, imma, kif igħidulna l-evanġelisti stess, bdew jakkużawh ta' ħafna ħtijiet, jiġifieri reġgħet saret il-kawża quddiem Pilatu. Dan kien kollu żejjed kieku l-kawża u s-sentenza tas-sinedriju kienu tajbin u skond il-liġi. U għalhekk jidher li s-sentenza tal-Qorti tal-Lhud kienet kontra l-liġi, ħażina, ma tgħoddx.

Minn dan kollu jidher li l-proċess ta' Kristu kien kollu kemm hu illegali. Mogħmijin mill-mibegħda kontra Kristu ma ndunawx li kienu qegħdin jiksru l-liġijiet tagħhom stess liġijiet li huma kollha kienu jafuhom tajjeb. Imma huma dak il-ħin ma kellhomx f'moħħhom ħlief ħaġa waħda: jisfogaw il-mibegħda tagħhom kontra Kristu billi jagħtuh il-mewt u jeħilsu minnu mill-aktar fis. Dan kien il-ħsieb li mexxiehom u wassalhom fejn riedu, huma li kienu l-għorrief tal-liġi, il-mexxejja tal-poplu, id-dawl, il-ġieħ u l-foħrija tan-nazzjon Lhudija kollha.

Kull ma għidna s'issa hu mibni fuq ir-rakkont tal-evanġelisti. Imma l-evanġelisti ma tawniex rakkont sħiħ tal-proċess ta' Kristu bl-irqaqat kollha tal-ħin u tal-post u tal-jum. Huma qalulna biss il-ġrajja ewlenin ta' dak il-proċess u ma qalulna xejn

fuq xi tagħrif ieħor li nixtieqn nkunu nafuh. Huma, jew għall-inqas S. Mattew, S. Mark u S. Luqa jġegħluna naħsbu li kull ma sar, sar mill-lejl tal-Ħamis sa nofsinhar tal-Ġimgħa, Hekk tgħallimna sa minn żgħoritna u hekk kien jemmen kulħadd sa ftit snin ilu. Iżda llum l-għorrief jaħsbu li Kristu kiel l-aħħar ikla ma' l-Appostli t-Tlieta fil-għaxija; dak in-nhar bil-lejl kien arrestat u meħud għand Anna. L-għada l-Erbgħa, saret l-ewwel seduta tal-Qorti. Il-Ħamis saret seduta oħra biex jagħtu s-sentenza; imbagħad ħadu 'l Kristu għand Pilatu. Il-Ġimgħa reġgħu ħadu 'l Kristu għand Pilatu u ġiegħluh jagħti s-sentenza tal-mewt. Dan it-taqsim tal-aħħar ġranet tal-ħajja ta' Kristu, għalkemm ma nistgħux ngħidu li hu ċert għal kollox, igħinna ħafna biex inħollu ħafna diffikultajiet li niltaqgħu magħhom fl-istorja tal-aħħar ġranet u tal-proċess ta' Kristu u fl-istess ħin iwaqqgħu biċċa mill-akkużi li semmejna kontra l-legalita tal-proċess. Ħaġa oħra li jeħtieġ li nżommu quddiem għajnejna hi din: il-liġijiet kriminali tal-Lhud, li aħna għidna li kienu miksurin fil-proċess ta' Kristu, kienu ilhom ġejjin minn fomm għal fomm minn żmien qabel Kristu u kienu miktubin xi mitejn sena wara Kristu. Matul dan iż-żmien xi liġijiet ġodda żdiedu, oħrajn tbiddlu, oħrajn ma baqgħux jitħarsu, u mhux dejjem nistgħu ngħidu jekk xi liġi li minn għalina kienet miksura, kenitx diġa mdaħħla fil-ġemgħa tal-liġijiet fi żmien Kristu jew daħlet wara.

Nistgħu ngħidu fi żgur li dawk il-liġijiet li kienu miksurin fil-proċess ta' Kristu kienu diġa jeżistu fi żmien Kristu, għax il-Lhud qatt ma kienu sa jdaħħlu liġijiet li juru li huma ma mxewx magħhom fil-proċess ta' Kristu. U nagħalqu din it-taħdita billi ngħidu li l-proċess u s-sentenza tal-mewt kontra Kristu kienu mhux biss inġusti imma wkoll illegali.

P. P. SAYDON.

(*) Dan il-kliem qrah fuq ir-"Rediffusion", għal Ġimgħa l-Kbira, is-sena li għaddiet, 1961 l-Professur Mons. P.P. Saydon, B.Lit., D.D., Lic. S. Script.

# IL-GĦOLLIQA

Darba kien hemm wieħed Għarbi jismu Sâgħda, li ma kienx jibża' mis-sriep, u tista' tgħid li kull jum kien jaqbad xi serp jew tnejn. Darba waħda kien qiegħed jitħaddet ma' ġemgħa minn ħbiebu fil-misraħ tar-raħal (il-misraħ tar-rħula tal-Għarab, ma jkunx imdawwar bil-bini, imma jkun wetja kollha ħaxix, ma' ġenb ir-raħal, m'hux ġewwa fih) u wieħed minn dawk il-ħbieb lemaħ serp kbir miexi fuq ħajt tas-sellieħ. Dan għajjat lil Sâgħda, biex imur jaqbdu.

Sâgħda mar minn wara l-ħajt u ħataf is-serp minn denbu. Is-serp laħaq daħħal rasu fil-ħajt, u Sâgħda jiġbed kemm jiġbed, ma satagħx jaqalgħu. Kif kien hekk, ħass xi ħaġa tagħrxu f'sieqn, u ħaseb li kien xi serp ieħor li ġie jaqbeż għal sieħbu; għal hekk telaq denb is-serp u rħiella jiġri daqs balla! Kien hemm ħaġra fin-nofs u Sâgħda tfixkel fiha u waqa', u ħares warajh u ra li dak li għarxu f'sieqn ma kienx serp, kienet għolliqa li weħlitlu mal-għâba. Il-ħbieb tiegħu, jaraw dan, bdew jidħku u qabblulu taqbila: "Sâgħda fid-dîqa, ma beżax mis-serp; baża' minn għollîqa!"